

# Għin, tistenniex grazzi

*Ġanni Camilleri*

Bidwi kellu mogħża w żiemel.
Darba ż-żiemel marad sew.
Ġablu fis vetenerarju
Għax magħdur kien dak tassew.

Inviżtah, tah mediċina
Biex jeħodha għal tlitt ijiem.
Jekk ma jfiqx, dak kellu jraqqdu,
Ma jbatix, imut fis-sliem.

Iżda l-mogħża semgħet kollox.
Ma xtaqitx lil dak imut.
U għalhekk kellmet liż-żiemel;
Ma reditx tarah batut.

"Ħabib tiegħi" qaltlu l-ħabiba,
'Kuraġġ, isa! Qum fuq tiegħek!
Jekk ma tqumx f'dawn it-tliet ġranet,
Se jraqqduk, ma nibqax miegħek."

Iżda ż-żiemel qata' qalbu.
Baqa' hemm fl-art ma jiflaħx.
Dik il-mogħża xtaqet tgħinu,
Ftit ħin ieħor ma tarahx.

U fit-tielet jum tennietlu:
"Ħalli ngħinek jien biex tqum.
Għax jekk le, jraqqduk għal dejjem,
Nimmisjak, ħabib, illum!

U kuraġġ għamel iż-żiemel.
Qam bil-mod dak fuq saqajh.
Beda jimxi, iżda jzappap.
Fl-aħħar mexa dak, minn rajh.

X'ħin il-bidwi lemħu jimxi,
Ma riedx jemmen dawk għajnejh.
"Dan miraklu, l-bhima mfejjaq!
Qed narah jien fuq saqajh!"

Ejjew mela nagħmlu festa
Għax iż-żiemel tiegħi qam.
Ejjew noqtlu l-mogħża w nieklu.
Marid, biss, tlett ijiem dam!

Kien bis-saħħa tal-ħabiba
Li ġab saħħtu dak inhar.
Ara x'ħadet issa l-mogħża!
Se jsajruha fuq in-nar.

Dak li jiġri spiss f'ħajjitna
Meta ngħinu lil xi ħadd!
Tal-pjaċir, nitħallsu qares,
Ma jkun dan jafulek qatt.

BILLY'S
CHAUFFEUR SERVICE
CAR HIRE
HOLIDAY HOMES

113, George Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020 - Malta
**Telephone:** (+356) 21 523 676, (+356) 21 523 784
**Mobile:** (+356) 9949 7575, (+356) 9942 7575 • **Fax:** (+356) 21 521 016
www.billyscarhire.com • e-mail: info@billyscarhire.com